# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 34**

**Rikors numru 53/20/1 CG**

**L-Avukat Dottor Massimiliano sive Massimo Vella u martu l-Avukat Dottor Gabrielle Buttigieg**

**v.**

**Il-Kunsill Lokali San Ġwann u b'digriet tat-28 ta' Settembru 2020 ġiet kjamata in kawża l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza titratta appell tar-rikorrenti ('appellanti') minn sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fis-17 ta' Jannar, 2022, dwar tneħħija ta' marki sofor quddiem *driveway* tal-proprjeta` residenzjali tagħhom b'mod li jsostnu li għalqilhom l-aċċess bil-

vettura. It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, filwaqt li laqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u annulla d-deċiżjoni tal-Kunsill relattiva għall-kwistjoni, ċaħad it-tieni talba tar-rikorrenti sabiex jordna lill-Kunsill Lokali jerġa' jagħmel linji sofor quddiem l-istess spazju.

2. Kien b'rikors preżentat fit-13 ta' Ġunju, 2020, li bih ir-rikorrenti ppremettew u talbu s-segwenti:

*"1. Illi l-esponenti huma l-proprjetarji tal-fond tnejn u sebgħin (72), Triq Wied Għollieqa, Kappara, San Ġwann liema fond huwa r-residenza privata tagħhom.*

*2. Illi l-imsemmi fond huwa kopert b'permess għall-iżvilupp maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar, bin-numru ta' referenza PA/03549/17 u liema fond għandu żewġ entraturi, ossia waħda li tagħti għal garage formanti parti mill-istess fond u l-oħra li hija driveway li fiha tista' tiġi parkeġġata vettura (vide anness Dok. 'MV1').*

*3. Illi fis-sajf tas-sena 2019, wara li nħareġ l-imsemmi permess għall-iżvilupp, il-Kunsill Lokali intimat, fuq talba tal-esponenti, kien għamel il-linji sofor meħtieġa sabiex vetturi ta' terzi ma jkunux jistgħu jostakolaw il-passaġġ liberu għall-imsemmija driveway.*

*4. Illi fis-27 ta' Jannar 2020, rappreżentanti tal-Kunsill Lokali intimat b'mod għal kollox illegali u abbużiv, mingħajr l-ebda notifika jew konsultazzjoni mal-esponenti, biddlu l-marki stradali u ħolqu post għall-parkeġġ ta' vetturi li jostakola l-aċċess veikolari għall-imsemmija driveway.*

*5. Illi tali aġir huwa għal kollox illegali u ultra vires, oltre li jammonta għal vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tal-esponenti li jgawdu l-proprjetà tagħhom hekk kif inhi koperta bl-imsemmi permess għall-iżvilupp.*

*6. Illi l-esponenti interpellaw verbalment lill-Kunsill Lokali intimat sabiex jirreintegra l-marki sofor quddiem id-driveway tal-proprjetà tagħhom sabiex b'hekk jiġi ripristinat l-aċċess veikolari għall-istess, iżda il-Kunsill Lokali b'mod għal kollox illegali, abbużiv u ultra vires irrifjuta milli jagħmel hekk.*

*7. Illi fit-28 ta' Mejju 2020, l-esponenti ippreżentaw Protest Ġudizzjarju kontra l-Kunsill Lokali intimat, liema Protest Ġudizzjarju ġie notifikat lill-Avukat tal-Istat, u permezz ta' liema huma ġabu dana*

*kollu premess a formali konjizzjoni tal-Kunsill Lokali intimat u filwaqt li interpellawh sabiex jirreintegra l-marki sofor quddiem id-driveway tal-proprjetà tal-esponenti sabiex b'hekk jiġi ripristinat l-aċċess veikolari għall-istess u fl-istess ħin poġġewh in dolo, mora, et culpa għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.*

*8. Illi minkejja li ġew debitament notifikati bl-imsemmi Protest Ġudizzjarju la l-Kunsill Lokali intimat u lanqas l-Avukat tal-Istat ma wieġbu għall-istess oltre li l-Kunsill Lokali intimat baqa' inadempjenti.*

*9. Illi għalhekk kellha tiġi istitwita din il-proċedura.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:*

*1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali intimat, konsistenti fil-bdil tal-marki stradali b'mod li nħoloq post għall-parkeġġ ta' vetturi li jostakola l-aċċess veikolari għad-driveway tal-proprjetà tal-esponenti hija illegali u ultra vires, oltre li tammonta għal vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tal-esponenti li jgawdu u jutilizzaw il-fond 72, Triq Wied Għollieqa, Kappara hekk kif inhu kopert bil-permess għall-iżvilupp bin-numru ta' referenza PA/03549/17 u konsegwentement iħassar tali deċiżjoni.*

*2. Jordna lill-Kunsill Lokali intimat sabiex, entro terminu qasir u perentorju li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiffissa, jirripristina l-marki stradali għal dawk li kienu qabel ma ġiet implementata d-deċiżjoni attakkata permezz ta' din il-proċedura, ossia billi jneħħi l-marki stradali li jindikaw post għall-parkeġġ ta' vetturi li qed jostakola l-aċċess veikolari għad-driveway tal-proprjetà tal-esponenti u minflok jerġa' jagħmel mill-ġdid il-linji sofor meħtieġa sabiex vetturi ta' terzi ma jkunux jistgħu jostakolaw il-passaġġ liberu għall-imsemmija driveway.*

*Bl-ispejjeż a karigu tal-Kunsill Lokali intimat."*

3. Permezz ta' risposta ppreżentata fit-13 ta' Awwissu, 2020[1], il-Kunsill intimat wieġeb illi:

*"1. Illi preliminarjament l-Kunsill eċċipjenti ma huwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża u għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-atturi;*

*2. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talba tal-atturi hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 7 (2) tal-Kap 490 tal-Liġijiet ta' Malta fejn sakemm mhux indikat xorta oħra permezz ta' xi dispożizzjoini ta'*

[1] Fol. 13 et seq.

*xi liġi talba biex jiġu riveduti atti ta' amministrazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika taħt dan l-Att għandha tiġi preżentata **<u>fi żmien sitt xhur</u>** mid-data meta l-parti interessata ssir taf jew setgħet issir taf b'dak l-att amministrattiv, liema minnhom ikun l-aktar kmieni. F'dan il-każ kemm fir-rikors promotur u anke fid-dikjarazzjoni tal-fatti l-atturi ilmentaw li **<u>fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) l-Kunsill intimat biddel il-marki stradali u ħoloq post ta' parkeġġ ta' vetturi li jostakola l-aċċess veikolari.</u>** Dawn il-proċeduri bdew ferm wara s-sitt (6) xhur terminu perentorju għall-preżentata ta' xi talba quddiem dan it-Tribunal;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu jiġi dikjarat illi l-Kunsill ma ħa ebda deċiżjoni u wisq inqas eżegwixxa xi deċiżjoni jew għamel xi xogħlijiet fit-triq in kwistjoni;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u dejjem fil-mertu deċiżjonijiet dwar parkeġġ fit-toroq kif ukoll l-installazzjoni jew tneħħija ta' sinjali fit-toroq ma hijiex fil-kompetenza legali tal-Kunsill eċċipjenti iżda biss fl-Awtorita` għat-Trasport f'Malta;*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet permessi, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jogħġobha tiċħad it-talbiet ta' l-attur fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu."*

4. Illi fl-udjenza tat-28 ta' Settembru, 2020, it-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrenti għall-kjamata in kawża tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta;[2]

5. Illi permezz ta' tweġiba ppreżentata fl-20 ta' Novembru, 2020, l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta wieġbet illi:[3]

*"1. Illi l-Awtorita' qiegħda tippreżenta r-risposta tagħha sabiex tottempora ruħha mal-verbal tat-28 ta' Settembru tas-sena 2020, fejn l-istess Awtorita' ġiet imsejjħa bħala kjamat in kawża;*

*2. Illi preliminarjament, it-talba tal-atturi hija waħda preskritta stante li skont is-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 7 tal-Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, tali azzjoni kellha tiġi istitwita fi żmien sitt xhur mid-data ta' meta l-parti nteressata qua l-atturi saru jafu b'dak l-att amministrattiv. Illi skont id-dikjarazzjoni tal-atturi stess, l-allegat sinjal tal-parkeġġ (kaxxa safra) ġew imneħħija*

[2] Fol. 24
[3] Fol. 29

*f'Jannar tal-2019 u l-proċeduri odjerni ġew intavolati quddiem dan l-Onorabbli Tribunal f'Awwissu tas-sena 2020;*

*3. Illi mingħajr preġuddizzju għas-suespost, l-atturi stess qegħdin jiddikjaraw li kienu l-ħaddiema tal-Kunsill Lokali u mhux tal-Awtorita' in kwistjoni li b'mod abbużiv u llegali neħħew il-kaxxa s-safra u minflok għamlu kaxxa oħra bajda;*

*4. Illi l-Awtorita' in kwistjoni qatt ma ġiet a konjizzjoni ta' ilment, la min-naħa tal-Kunsill Lokali ta' San Ġwann u lanqas mingħand l-atturi, sabiex tiġi rranġata l-kaxxa tal-parkeġġ li hemm quddiem ir-residenza tal-atturi;*

*5. Illi għalkemm l-Awtorita' hija responsabbli sabiex isiru/jew jittneħħew sinjali tat-traffiku mit-toroq , l-istess Awtorita' ma tista' qatt tinstab ħatja li marret kontra l-obbligi tagħha u kisret xi dritt fundamentali tal-atturi stante li qatt ma kien hemm talba formali lejn l-istess Awtorita' f'dan ir-rigward;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom."*

6. B'sentenza tas-17 ta' Jannar, 2022, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ddeċieda billi:

*"1. jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u għaldaqstant jannulla d-deċiżjoni appellata sabiex quddiem id-driveway tal-fond 72, Triq Wied Għollieqa, Kappara tinżebagħ b'linji bojod;*

*2. jiċħad it-tieni talba;*

*3. jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Kunsill Lokali intimat,*

*4. jiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Awtorità kjamata in kawża u jilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tal-istess Awtorità.*

*Bl-ispejjeż kontra l-Kunsill Lokali intimat."*

7. Ir-rikorrenti appellaw minn dik il-parti tas-sentenza fejn ġiet miċħuda t-tieni talba. Għalhekk talbu lil din il-Qorti:

*"sabiex tvarja s-sentenza appellata billi tirriformaha in kwantu ċaħdet it-tieni talba tagħhom u minflok tilqa' tali tieni talba, u mill-bqija*

> *tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż a karigu tal-appellati jew min minnhom."*

8. Il-Kunsill appellat ma weġibx.

9. L-Awtorita` għat-Trasport f'Malta min-naħa tagħha wieġbet illi dik il-parti tas-sentenza appellata li biha ġiet meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju, hi llum *res judicata*. Tikkonkludi f'kull każ li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

10. L-appellanti jibdew billi jissottomettu li ppreżentaw l-appell tagħhom quddiem din il-Qorti għaliex it-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta), li jipprovdi liema appelli għandhom isiru lill-Qorti tal-Appell fil-kompetenza inferjuri tagħha u liema appelli għandhom isiru lill-Qorti tal-Appell fil-kompetenza superjuri tagħha, ma jsemmix l-Att dwar il-Gvern Lokali (Kap. 363 tal-Liġijiet ta' Malta). Żiedu li għalkemm l-Att għall-Awtorita` għat-Trasport f'Malta (Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta) mhux rilevanti għall-vertenza odjerna, lanqas dan l-Att ma jissemma fit-Tieni Skeda tal-Kap. 490.

11. Il-proċedura saret *a tenur* tal-Artikolu 24(5) tal-Kap. 363 li jipprovdi illi:

> *"Kull membru tal-pubbliku jista' wkoll iressaq talba lit-Tribunal Amministrattiv imwaqqaf skont l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva jekk dan iħossu aggravat b'xi att amministrattiv ta' xi Kunsill Lokali, li*

> *jinkludi ħruġ ta' ordni, liċenza, permess, warrant, awtorizzazzjoni, konċessjoni, deċiżjoni jew ċaħda ta' xi talba li ssir mill-applikant."*

12. Ir-regola ġenerali li tinsab fl-Artikolu 22 tal-Kap. 490 hi li parti fi proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li tkun aggravata b'deċiżjoni tat-Tribunal, tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kompetenza superjuri jew inferjuri u stabbilita skont it-Tieni Skeda tal-Att. Madanakollu, kif tajjeb jgħidu l-appellanti, fit-Tieni Skeda tal-Kap. 490 ma hemm l-ebda referenza għall-Kap. 363.

13. Dik l-iskeda hija rilevanti biss għall-finijiet ta' kompetenza. Ladarba l-istess ma tiddisponix li appell minn deċiżjoni a tenur tal-Artikolu 24(5) tal-Kap. 363 jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri), m' għandux ikun hemm kwistjoni dwar il-kompetenza ta' din il-Qorti sabiex tiddeċiedi l-appell in disamina.

14. Fil-mertu, l-appellanti jilmentaw dwar dik il-parti tas-sentenza appellata permezz ta' liema ġiet miċħuda t-tieni talba tagħhom u f'tali rigward jissottomettu illi t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ddeċieda ħażin għaliex:

> 14.1. It-tieni talba hija konsegwenza loġika tal-ewwel talba għaliex hija ndirizzata għar-ripristinju tal-istat *quo ante.*

Jargumentaw li jekk jingħad mod ieħor iwassal għal sitwazzjoni anti-ġuridika fejn dak li hu null xorta jibqa' jkollu effett.

14.2. Il-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mhijiex limitata għat-tħassir tal-atti amministrattivi mpunjati iżda tinkludi l-poter li tiġi ordnata r-reintegrazzjoni tal-istat *quo ante*. Jargumentaw li fil-fatt il-Kap. 490 jipprospetta l-eżekuzzjoni tas-sentenzi tat-Tribunal li allura jfisser li t-Tribunal għandu s-setgħa li jikkundanna lill-amministrazzjoni pubblika għat-twettieq ta' att;

14.3. It-tieni talba ma kinitx sabiex it-Tribunal jeżerċita diskrezzjoni amministrattiva għaliex il-linji sofor kienu diġa' hemm qabel saru l-linji bojod flokhom. Lanqas jista' jingħad li l-uniku rimedju huma d-danni.

15. Mill-aspett fattwali, l-appellanti ddikjaraw li r-residenza tagħhom għandha żewġ entraturi, waħda tagħti għal *garage* formanti parti mill-istess fond u entratura oħra mertu tal-vertenza odjerna li, skont permess maħruġ mill-MEPA, tista' tintuża bħala *driveway*.[4]

[4] Fol. 3, 56, 61

16. Ir-rikorrent Dottor Vella xehed illi wara li ħareġ il-permess tal-MEPA:

> *"mort kellimt lill-Kunsill u kienu għamlu double yellow lines quddiem id-driveway biex ma jkunx jistgħu jipparkeġġjaw vetturi u jostakolaw dik id-driveway."*[5] (enfasi tal-Qorti)"

17. Tali affermazzjoni ġiet iżda kkontestata mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku tal-Kunsill appellat. Huma nsistew li quddiem l-entratura in kwistjoni qatt ma kien hemm *yellow lines.*[6] Xehdu li oriġinarjament, fit-triq quddiem tali entratura, kien hemm kaxxa miżbugħa bl-abjad biex tindika post ta' parkeġġ. Iżda meta l-appellant kien qalilhom li se juża l-parti tar-residenza in kwistjoni bħala *driveway*, żebgħu l-istess kaxxa bl-isfar sabiex jippreparaw għall-aċċess bil-vettura.[7] Madanakollu, madwar xahrejn jew tlieta wara, ikkonstataw li f'dik l-entratura ma kienet saret l-ebda *driveway* u li minflok kien kemm tarġa tmien pulzieri għola mil-livell tal-bankina.[8] Ikkonkludew għalhekk li l-istess entratura ma kinitx aċċessibbli għall-vetturi u konsegwentement reġgħu żebgħu l-kaxxa ta' quddiemha bil-kulur abjad.

18. Il-Kunsill intimat m'appellax minn dik il-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal permezz ta' liema ntlaqgħet l-ewwel talba tar-rikorrenti u ġiet annullata d-deċiżjoni tal-Kunsill *'sabiex quddiem id-driveway tal-fond 72, Triq Wied Għollieqa, Kappara tinżebagħ b'linji bojod'*. Tali kwistjoni hija

[5] Fol. 62
[6] Fol. 77
[7] Fol. 113 – 115, 116 - 117
[8] Fol. 91

għalhekk *res judicata* u l-Qorti mhux se terġa' tidħol f'dak il-mertu. Dak li jrid jiġi hawn deċiż huwa iżda jekk, bħala konsegwenza tal-fatt li t-Tribunal laqa' l-ewwel talba kif hawn ingħad, kellux neċessarjament jordna lill-Kunsill intimat '*........ minflok jerġa' jagħmel mill-ġdid il-linji sofor meħtieġa sabiex vetturi ta' terzi ma jkunux jistgħu jostakolaw il-passaġġ liberu għall-imsemmija driveway'* kif intalab fit-tieni talba.

19. Mill-aspett purament legali, il-Qorti taqbel li fejn it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jiddeċiedi billi jħassar jew jannulla att amminsitrattiv, dak it-Tribunal għandu wkoll il-poter residwali li jirripristina lill-individwu kkonċernat għall-*istatus quo ante.*[9] Madanakollu, fl-eżerċizzju ta' tali poter it-Tribunal irid jiddetermina x'kien verament l-*istatus quo ante* u b'hekk jaċċerta ruħu li ma jkunx qiegħed b'xi mod jeżerċita diskrezzjoni aministrattiva. Din tal-aħħar mhijiex prerogattiva tiegħu.[10]

20. Skont is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku tal-Kunsill appellat l-*istatus quo ante* f'dan il-każ kien illi l-kaxxa llum miżbugħa bl-abjad quddiem l-entratura in kwistjoni kienet, għal perjodu qasir, miżbugħa safra. Madankollu l-imsemmija membri tal-Kunsill insistew li, fl-aħħar

[9] ***Raymond Farrugia vs Kummissarju tal-Pulizija***, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Gunju, 2004

[10] ***Reginald Fava pro et noe v. Supretendent tas-Sahha Pubblika et***, deċiża minn din il-Qorti diversament komposta fil-11 ta' Mejju 2010, para 27

mill-aħħar, dan ma jfisser xejn għaliex legalment m'hemm l-ebda differenza bejn kaxxa bajda u oħra safra.

21. Dan ġie kkonfermat minn Thomas Debono in rappreżentanza tal-Awtorita` kjamata in kawża li xehed illi:

> *"... skont il-liġi, il-kaxxi bajda u l-kaxxi sofor għandhom l-istess sinfikat. Iġifieri jista' jsir parkeġġ fihom.*
>
> *...*
>
> *Id-differenza hija illi l-kaxxi, l-linji sofor hija skont kif mitlub bil-liġi meta jkun hemm garaxx, biex dak li jkun, ikollu spazju biżżejjed biex joħroġ mill-garaxx u jkun jista' jimmanuvra. Kaxxa safra bħalma għedtlek –*
>
> *Tribunal: Jistgħu jipparkjaw fuqha –*
>
> *Xhud: L-istess, l-istess bħal kaxxa bajda –*
>
> *Tribunal: Sakemm ma jkun hemm xejn miktub fuqha.*
>
> *Xhud: Iġifieri bħala Awtorità aħna qatt ma napprovaw kaxxi sofor quddiem garaxxijiet. Aħna dejjem napprovaw linji sofor."*[11] *(enfasi tal-Qorti)"*

22. Effettivament, il-pretensjoni tal-appellanti hija proprju li jinżebgħu linji sofor. Skonthom dak kien l-*istatus quo ante*. In-kontro-eżami r-rikorrent Dr Vella xehed hekk:

> *"Dr Charlon Gouder: Dr Vella, xtaqtek tikkonferma illi dak li qed titlob permezz ta' dawn il-proċeduri huwa effettivament li jiġi ripristinat kaxxa safra quddiem id-drive in tal-imsemmija proprjetà fir-rikors promutur.*
>
> *Xhud: Li jiġu ipprestinati l-linji li kien hemm qabel. Jidhirli kien, qabel ma saret white box, kien hemm double yellow line –*
>
> *Tribunal: Taħt il-bankina –*

[11] Fol. 135 - 136

*Xhud: Eżattament. Dak li jrid jiġi rippristinat. Iġifieri oriġinarjament kien hemm double yellow line, ma kienx hemm kaxxa safra. Kien double yellow line illi mbgħad tneħħa u saret kaxxa bajda. Li jerġa' jiġi rippristinat. Jien li qed nitlob huwa li jerga' jitqiegħed l-istat li kien qabel ma saret il-kaxxa l-bajda.'*[12]

*"Xhud:No no, to my recollection, yellow lines kien hemm. Issa, nerġa' ngħidlek, I mean. To my re issa to my recollection, double yellow lines kien hemm. Issa kaxxa safra, double yellow lines, il-kunċett kien, ħadd ma jista' jipparkja quddiem din id-driveway...*

*Issa sa fejn naf jien, mhux sa fejn naf jien, żgur li ma kelliex reserved. Igifieri ma kellix. Inti kaxxa safra tkun meta jkollox reserved ..."*

23. Madanakollu, tali allegazzjoni ma ġiet bl-ebda mod ikkorraborata. Lanqas fir-ritratt a fol. 99 ma jidhru xi traċċi ta' linji sofor mgħottija biż-żebgħa sewda. Għalhekk il-Qorti hija aktar propensa temmen il-verżjoni tal-Kunsill appellat fis-sens illi qatt ma kien hemm *double yellow line* taħt il-bankina quddiem dik l-entratura. Kien hemm biss kaxxa tal-parkeġġ miżbugħa bl-isfar għal ftit xhur qabel ma l-istess reġgħat inżebgħat bajda.

24. Il-Qorti tkompli ssaħħaħ l-istess fehma ukoll għaliex mill-provi jirriżulta li jaqa' fil-mansjoni tal-Awtorita` kjamata in kważa li tapprova kwalsiasi *double yellow lines* jsiru fit-toroq. Madanakollu, fil-parti tat-triq quddiem l-entratura in kwistjoni għar-residenza tal-appellanti, <u>qatt</u> ma kien hemm approvazzjoni simili.

25. Kurt Guillaumier, Segretarju tal-Kunsill appellat xehed illi:

*"Dr Charlon Gouder: Mela, xtaqtek tikkonferma jekk fuq il-post illi qed issir referenza għalih f' dawn il-proċeduri, saritx kaxxa safra jew inkella double yellow line?*

---

[12] Fol. 105

*Xhud: Saret kaxxa safra.*[13]

*...*

*'Dr Charlon Gouder: ... tikkonferma li l-Kunsill Lokali m' għandux il-vires legali biex jawtorizza double yellow line?*

*Xhud: Naqbel, ikollna bżonn permess minn Transport Malta."*[14]

26. Thomas Debono in rappreżentanza tal-Awtorita` kjamata in kawża, b'referenza għall-Kap. 499 u għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 ikkonferma mbagħad illi:

*"Dr Analise Seguna: Mela, tgħidilna, x' inhi l-proċedura sabiex wieħed ikun jista' jagħmel xi ħaġa fit-triq inkluż it-tibjid ta' linji sofor .. fit-triq?*

*Xhud: Iva, il-proċedura hija li l-individwu imur japplika l-Kunsill, through Council imma mal-Awtorità tat-Trasport.*

*...*

*Tribunal: Imma d-deċiżjoni finali ta' min tkun imbgħad?*

*Xhud: Id-deċiżjoni hija dejjem tal-Awtorità.*

*...*

*Xhud: Iġifieri bħala Awtorità aħna qatt ma napprovaw kaxxi sofor quddiem garaxxijiet. Aħna dejjem napprovaw linji sofor.*

*Dr Charlon Gouder: Issa, applikazzjoni għal linji sofor kien hemm quddiem dan il-fond?*

*Xhud: Le, lanqas lanqas.*

*... Ma kienx hemm, ma kienx hemm."*[15]

[13] Fol. 116
[14] Fol. 122
[15] Fol. 132 - 136

27. Isegwi għalhekk li dak mitlub mill-appellanti fit-tieni talba, *ossia* ordni sabiex il-Kunsill appellat jiżba' dawk '*il-linji sofor meħtieġa sabiex vetturi ta' terzi ma jkunux jistgħu jostakolaw il-passaġġ liberu għall-imsemmija driveway',* imur *ben oltre* dak li kien hemm qabel ittieħdet id-deċiżjoni mpunjata. Dan billi kaxxa safra quddiem l-istess entratura, qabel ma din reġgħet inżebgħat bajda mill-Kunsill, legalment ma taqdix dik il-funzjoni. Il-linji meħtieġa għal dak il-għan huma iżda *double yellow lines.*

28. Id-deċiżoni għandhomx isiru dawk id-*double yellow lines* jew le f'dik il-parti tat-triq quddiem l-entratura tar-residenza tal-appellanti mertu tal-proċeduri odjerni, hija waħda amministrattiva li tispetta lill-Awtorita` kjamata in kawża f'każ li ssirilha talba f'dak is-sens.

29. Għalhekk, it-Tribunal kien sostanzjalment korrett meta ċaħad it-tieni talba attriċi billi huwa ma jistax jeżerċita tali diskrezzjoni.

Għaldaqstant l-appell qiegħed jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti. Peress li tqis li l-appell hu fieragħ, tikkundanna lill-appellanti jħallsu l-ispejjeż għal darbtejn (Art. 223(4) tal-Kap. 12).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da